MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1083/2008

**Pierre Terreni**

**Vs**

**Alexander sive Sandro Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tal-attur li bih, wara illi ippremetta illi:

Bi skrittura tas-16 ta' April, 2007 ir-rikorrent ta' b'titolu ta' self is-somma ta' tnax il-elf tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm12350) li kellhom jithallsu lura wara sena flimkien ma imghax miftiehem b'kollox tlettax il-elf tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm13,310);

Dan l-ammont kellu jithallas lura fis-16 ta’ April, 2008;

Sussegwentement il-partijiet varjaw verbalment il-pattijiet tal-iskrittura u infatti l-intimat hareg tlett cheques bankarji bin-numri 001569, 001570 u 001571 ta’ valur ta’ ghaxart elef tlett mija u hamsa u tletin Ewro (€10,335) kull wiehed u li kellhom jissarfu fis-16 ta’ April, 2008 u ghalhekk ghall-ammont komplessiv ta’ wiehed u tletin elf u hames Ewro (€31,005);

Meta r-rikorrent mar biex isarraf l-imsemmijin cheques bankarji dawn ma gewx msarrfin billi kif gie informat ir-rikorrent ma kienx hemm flus fil-kont tal-intimat;

L-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammonti mislufin kif pattwit izda dan hlief ghal xi pagamenti akkont li ghamel fl-ammont totali ta’ sitt elef tlett mija disa u ghoxrin Ewro (€6329) baqa inadempjenti;

Ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta’ hamsa u ghoxrin elf tmien mija u hdax il-Ewro u sebgha u hamsin Ewrocentezmu (€25,811.57).

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante illi l-intimat m’ghandux difiza xi jressaq kontra t-talbiet segwenti:

Talab illi:-

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Art 167 (1) (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara illi l-initmat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf tmien mija u hdax il-Ewro u sebgha u hamsin Ewrocentezmu (€25,811.57);

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf tmien mija u hdax il-Ewro u sebgha u hamsin Ewrocentezmu (€25,811.57).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' qbid u bl-imghax mid-data tat-23 ta' Ottubru, 2008 kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif maghmula fir-rikors.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba maghmula fir-rikors tirrizulta pruvata:

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur kif maghmula fir-rikors bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------